II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Lulju 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3327)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/496/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/135/KE [4] tistipula ċerti miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu applikati sabiex tiġi evitata l-firxa ta' din il-marda, inkluż l-istabbiliment ta' żoni A u B wara tifqigħa suspettata jew ikkonfermata tal-marda.

(2) Wara tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fir-Repubblika Ċeka, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/434/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tat-tip H5 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur fir-Repubblika Ċeka [5].

(3) Fil-ġranet ta' wara l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/454/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE dwar miżuri ta' protezzjoni marbuta ma' influwenza tat-tjur ta' patoġenija għolja tas-sottotip H5N1 fit-tjur ta' l-irziezet fil-Komunità [6] biex tikkonferma ż-żoni A u B fir-Repubblika Ċeka u t-tul ta' żmien ta' din ir-reġjonalizzazzjoni.

(4) Wara tifqigħa ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fil-Ġermanja, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/483/KE tad-9 ta' Lulju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta ma' l-influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fit-tjur ta' l-irziezet fil-Ġermanja [7].

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkoreġuta (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).
[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).
[3] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
[4] ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/483/KE (ĠU L 180, 10.7.2007, p. 43).
[5] ĠU L 161, 22.6.2007, p. 70.
[6] ĠU L 172, 30.6.2007, p. 87.
[7] ĠU L 180, 10.7.2007, p. 43.

(5) Il-Kummissjoni eżaminat dawn il-miżuri f'kollaborazzjoni mal-Ġermanja, u hija sodisfatta li l-fruntieri taż-Żoni A u B stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dan l-Istat Membru qegħdin 'il bogħod biżżejjed mill-post attwali tat-tifqigħa. Iż-żoni A u B fil-Ġermanja għalhekk jistgħu jiġu kkonfermati u t-tul ta' żmien ta' din ir-reġjonalizzazzjoni jista' jiġi ffissat.

(6) Il-miżuri ta' protezzjoni interim stipulati fid-Deċiżjonijiet 2007/434/KE u 2007/483/KE jeħtieġ li issa jiġu kkonfermati. Barra minn hekk, il-qagħda epidemjoloġika tat-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet fir-Repubblika Ċeka tirrikjedi modifika taż-żoni ristretti u tat-tul ta' żmien tal-miżuri.

(7) Barra minn hekk, l-Ungerija u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni li l-miżuri kollha ta' kontroll fir-rigward tat-tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fuq it-territorju tagħhom twaqqfu sat-12 ta' Marzu 2007 u għalhekk il-miżuri stabbiliti bi qbil ma' l-Artikolu 4(2) għaż-żoni A u B mhumiex aktar meħtieġa.

(8) Id-Deċiżjoni 2006/415/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness mad-Deċiżjoni 2006/415/KE jinbidel bit-test ta' l-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Parti A**

Iż-żona A kif stabbilita skond l-Artikolu 4 (2):

| Kodiċi ISO tal-Pajjiż | L-Istat Membru | Żona A | | Data sa meta l-Artikolu 4(4)(b)(iii) huwa applikabbli |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi (jekk disponibbli) | Isem | |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka | | | 31.7.2007 |
| | Żona ta' ħarsien | | BOHUŇOVICE<br>CEREKVICE NAD LOUČNOU<br>ČESKÉ HEŘMANICE<br>CHOCEŇ (parti)<br>DŽBÁNOV<br>HORKY<br>HRUŠOVÁ (parti)<br>KOSOŘÍN<br>TISOVÁ<br>VRAČOVICE-ORLOV (parti)<br>VYSOKÉ MÝTO<br>ZÁLŠÍ | |
| | Żona ta' sorveljanza | | BĚSTOVICE<br>BOHUŇOVICE<br>BOROVNICE<br>BOŠÍN<br>BRANDÝS NAD ORLICÍ<br>BUČINA<br>CEREKVICE NAD LOUČNOU<br>ČESKÉ HEŘMANICE<br>CHOCEŇ<br>CHOTOVICE (parti)<br>DOBŘÍKOV<br>DOLNÍ ÚJEZD<br>DŽBÁNOV<br>HORKY<br>HRÁDEK<br>HRUŠOVÁ<br>JAVORNÍK<br>JEHNĚDÍ<br>KOLDÍN<br>KOSTELECKÉ HORKY<br>LEŠTINA (parti)<br>LHOTY U PODŠTEJNA<br>LIBECINA<br>LITOMYŠL (parti)<br>MAKOV<br>MORAŠICE<br>MOSTEK<br>NASAVRKY<br>NĚMČICE (parti)<br>NOVÁ SÍDLA<br>NOVÉ HRADY<br>ORLICKÉ PODHŮŘÍ<br>OSÍK<br>OUCMANICE<br>PLCHOVICE<br>PODLESÍ<br>PODLESÍ (parti)<br>PŘÍLUKA<br>PUSTINA<br>ŘEPNÍKY<br>ŘETOVÁ<br>ŘETŮVKA (parti)<br>ŘÍDKÝ<br>SEČ | |

| Kodiċi ISO tal-Pajjiż | L-Istat Membru | Żona A | | Data sa meta l-Artikolu 4(4)(b)(iii) huwa applikabbli |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi (jekk disponibbli) | Isem | |
| | | | SEDLIŠTĚ<br>SKOŘENICE<br>SLATINA<br>SLOUPNICE<br>SRUBY<br>SUCHÁ LHOTA<br>SUDISLAV NAD ORLICÍ<br>SUDSLAVA<br>SVATÝ JIŘÍ<br>TISOVÁ<br>TRŽEK<br>TÝNIŠTKO<br>ÚJEZD U CHOCNĚ<br>ÚJEZDEC<br>ÚSTÍ NAD ORLICÍ<br>VELKÁ SKROVNICE<br>VIDLATÁ SEČ<br>VLČKOV (parti)<br>VODĚRADY<br>VRACLAV<br>VRAČOVICE-ORLOV<br>VYSOKÉ MÝTO<br>ZÁDOLÍ<br>ZÁLŠÍ<br>ZÁMRSK<br>ZÁŘECKÁ LHOTA | |
| DE | Il-Ġermanja | | Il-muniċipalitajiet ta': | 6.8.2007 |
| | | | ALLENDORF<br>ARNSGEREUTH<br>BAD BLANKENBURG<br>BECHSTEDT<br>CURSDORF<br>DEESBACH<br>DÖSCHNITZ<br>GRÄFENTHAL<br>LICHTE<br>LICHTENHAIN<br>MARKTGÖLITZ<br>MELLENBACH-GLASBACH<br>MEURA<br>OBERHAIN<br>OBERWEISSBACH<br>PIESAU<br>PROBSTZELLA<br>REICHMANNSDORF<br>ROHRBACH<br>SAALFELD<br>SAALFELDER HÖHE<br>SCHMIEDEFELD<br>SCHWARZBURG<br>SITZENDORF<br>UNTERWEISSBACH<br>WITTGENDORF | |

**Parti B**

Iż-żona B kif stabbilita skond l-Artikolu 4 (2):

| Kodiċi ISO tal-Pajjiż | L-Istat Membru | Żona B | | Data sa meta l-Artikolu 4(4)(b)(iii) huwa applikabbli |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi (jekk disponibbli) | Isem | |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka | 00053 | PARDUBICKÝ KRAJ:<br><br>OKRES: Chrudim, Pardubice<br>Svitavy<br>Ústí nad Orlicí | 31.7.2007 |
| | | 00052 | KRÁLOVÉHRADECKÝ KRAJ:<br><br>OKRES: Hradec Králové<br>Rychnov nad Kněžnou | |
| DE | Il-Ġermanja | | DRÖBISCHAU<br>KAULSDORF<br>KÖNIGSEE<br>LEUTENBERG<br>MEUSELBACH-SCHWARZMÜHLE<br>ROTTENBACH<br>RUDOLSTADT | 6.8.2007” |